# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 26**

**Rikors numru 831/14 LSO**

**Dr Cedric Mifsud u Dr Michael Camilleri bhala mandatarju specjali ta' Nazzareno Bezzina, Joseph Bezzina, Catherine Avero, George Bezzina, Angelo Bezzina kollha eredi ta' Bartolomeo u Giuseppa konjugi Bezzina**

**v.**

**Andrew u Theresa sive Tessie Azzopardi**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-konvenuti minn sentenza preliminari [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [l-ewwel Qorti], fil-21 ta' April 2015, li permezz taghha dik il-Qorti cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-appellanti, fosthom

dik hawnhekk appellata, li titratta dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti billi l-kawza tirrigwarda kwistjonijiet konnessi ma' kuntratt ta' kiri ta' fond urban u ta' dar ta' abitazzjoni u li ghalhekk taqa` fil-kompetenza esklussiva tal-Bord li Jirregola l-Kera skont l-Artikoli 1525 et seq tal-Kodici Civili, u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Il-Fatti

2. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. L-atturi huma proprjetarji tal-fond numru 19 gia` 8A, Charlotte Alley, Gharghur, liema fond kien inghata lill-intimat minghand omm ir-rikorrenti b'titolu ta' enfitewsi temporanju permezz ta' kuntratt pubbliku tas-6 ta' Awissu 1974 ghal 17-il sena. Wara li ghalaq il-perijodu enfitewtiku, il-konvenuti baqghu jokkupaw il-fond b'kera skont l-Artikolu 12(2) tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti l-atturi qeghdin jitolbu illi l-konvenuti jigu zgumbrati mill-istess fond, wara li l-Qorti Kostituzzjonali, b'sentenza datata 25 ta' Ottubru 2013, ikkonfermat sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), li, fost affarijiet ohra iddecidiet illi l-konvenuti "*ma jistghux jinvokaw dan il-provvediment* [tal-Art.12(2) tal-Kap 158] *biex jibqghu jabitaw fil-fond oggett ta' dawn il-proceduri*".

## Is-Sentenza Appellata

4. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni dwar l-eccezzjoni tal-inkompetenza taghha *rationae materiae* a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet ta' dritt:

> "Huwa pacifikament accettat illi l-kompetenza ta' Qorti hi determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eccezzjoni moghtija mit-termini tal-azzjoni attrici. Hu l-att promotur kif intavolat it-talbiet u l-premessi taghhom li jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha; **Frankie Refalo nomine v. Jason Azzopardi et**. (Appell - 7 ta' Ottubru 1997).
>
> "Jekk imbaghad din il-Qorti fuq il-fatti akkwiziti ssib li l-konvenut ghandu titolu u li dan huwa wiehed ta' lokazzjoni jiddependi mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari u tal-ligi applikabbli jekk din l-istess Qorti ghandhiex tissokta bil-gurisdizzjoni taghha jew tiddikjara l-inkompetenza taghha in kwantu l-materja, fil-parametri dejjem tal-ligi partikolari, tkun tesorbita mill-isfera tal-gurisdizzjoni taghha. Dan anke ghaliex, kif drabi ohra rilevat, il-kompetenza ma tiddependix bilfors u unikament mit-talba ta' l-attur imma tista' tiddependi fejn ikun il-kaz mill-eccezzjoni tal-konvenut (**Vol XXXVI pII p455**).
>
> "Difatti kif gie ribadit mill-Qorti tal-Appell, f'sentenza fl-ismijiet **George Falzon et. v Raymond Buttigieg et.** (28 ta' Marzu 2014):
>
> > ""*Ghalhekk ladarba l-ewwel Qorti iddecidiet biss, kif giet mitluba taghmel, fuq l-ewwel eccezzjoni hija ghamlet sew li ikkoncentrat fuq it-talba tal-attur (kif iddikjarat is-sentenza* ***Refalo v. Azzopardi*** *fuq imsemmija) li kienet titlob l-izgumbrament fuq il-kawzali li l-konvenuti ma ghandhomx titolu u allura ikkonkludiet gustament li fuq dik il-bazi li hija kellha l-kompetenza tisma' l-kawza u tiddecediha*.""
>
> "F'dan l-istadju din il-Qorti tara li hu utili li taghti harsa lejn il-pronunzjamenti tal-Qrati taghna fir-rigward tal-kompetenza *ratione materiae* f'kwistjonijiet lokatizji.
>
> "Il-posizzjoni legali fil-materja ta' kompetenza *ratione materiae* tal-Qrati ordinarji u dawk ta' kompetenza specjali f'kawzi konnessi ma' kirjiet urbani kienet ormai pacifika fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna.[1]

[1] Ara ad ez. **Rinaldo Wismayer – vs –Paolo Saydon** et deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta'

Bl-introduzzjoni tal-Att X tal-2009, izda, dahhlu fis-sehh xi tibdiliet li twessghu il-kompetenza tal-Bord tal-Kera. B'dana l-att gew emmendati *inter alia* **l-artikolu 1525 tal-Kap 16 u l-artikolu 16 tal-Kap.69, tal-Ligijiet ta' Malta.**

"Skont l-**artikolu 1525(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** il-Bord li Jirregola l-Kera *"għandu kompetenza esklussiva li jiddeċiedi kwistjonijiet konnessi ma' kuntratti ta' kiri ta' fond urban u ta' dar għall-abitazzjoni u ta' fond kummerċjali. Kirjiet oħra jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Ċivili u fil-każ ta' raba' taħt il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba'."*

"Din id-disposizzjoni hija ukoll replikata fl-artikolu 39 (5) tal-Att 'X' tal-2009 fid-disposizzjonijiet transitorji. L-artikolu 38 (a) jipprovdi subartikolu gdid wara l-artikolu 16 (3) tal-Kapitlu 69, l-**artikolu 16 (4)** li jghid hekk: "(*4) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-Bord għandu wkoll jiddeċiedi l-materji kollha li jolqtu kirjiet ta' fondi urbani li jinkludu fondi residenzjali kif ukoll fondi kummerċjali u dan għat-termini ta' Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, Fuq il-Kuntratti tal-Kiri, inklużi kawżi dwar okkupazzjoni ta' fondi urbani fejn il-kirjiet ikunu ntemmu wara t-terminazzjoni ta' kirja."*

"Kif osservat din l-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Antonia Frendo et vs Christopher Agius et** (10 ta' Lulju 2014) dawn l-emendi jattribwixxu gurisdizzjoni esklussiva lill-Bord li Jirregola l-Kera f'kull materja li jolqtu kirjiet "*inklużi kawżi dwar okkupazzjoni ta' fondi urbani fejn il-kirjiet ikunu ntemmu wara t-terminazzjoni ta' kirja." (*Ara ad ez. l-interpretazzjoni fil-kawzi "***Massih Massihnia vs Stivala Properties Limited et"*** (PA (MC) – dec. fit-2 ta' Lulju 2013) u "***Enriketta Bonnici et. vs Gordon Borg****"* (App Inf. – dec. fl-4 ta' Dicembru 2013)."

"F'dawk is-sentenzi, il-Qorti ezaminat b'mod approfondit il-kwistjoni ta' kompetenza tal-Qrati ordinarji fil-materja ta' kirja u rribadiet li ghalkemm il-kompetenza tal-Bord tal-Kera twessghet bl-emendi li saru fl-2009 "*Pero` din il-Qorti hi tal-fehma illi l-Bord tal-Kera xorta jibqa' tribunal specjali b'poteri li jridu jintuzaw entro l-limiti ta' dak li tghid il-ligi. Kwistjonijiet li ma jaqghux entro l-provvedimenti tal-ligijiet li jirregolaw il-kiri jridu per forza jaqghu fil-kompetenza tal-Qrati Ordinarji."* (Ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Strickland Limited vs Maria Frendo** - 24 ta' Marzu 2015 , **Camilleri v. International Trading Co. Ltd** deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-31 ta' Ottubru 2011 u **Christopher Gatt v Daniel Doneo –** PA (MCH) - 28 ta' Marzu 2011 li applikaw dawn il-principji).

---

Marzu 1982 li rriferiet ghas-sentenzi fl-ismijiet G. Cauchi –vs – Dr. T. Fenech noe, Koll. Vol.XXX- 1-811; A. Cuschieri – vs – A. Camilleri, Koll. Vol. XXXVII- 1-568; Appell deciz fl-10.10.2003 fl-ismijiet **Dottor Alfred Grech et vs Joseph Muscat et.; Richard Borg Ginger pro et noe –vs- Frank Caruana et** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10.10.2003

> "**Ikkonsidrat** li r-rikorrenti odjerni qed jipproponu kawza ghall-izgumbrament tal-intimat in forza u bl-applikazzjoni ta' sentenza moghtija mill-Qorti fis-sede kostituzzjonali taghha fejn dik il-Qorti ordnat, fil-parti dispozittiva tas-sentenza li l-intimati ma jistghux jinvokaw bhala titlu ghall-abitazzjoni taghhom, l-artikolu 12(2) tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta.
> "Harsa lejn l-azzjoni kif impostata ghandha bilfors twassal ghall-konkluzjoni li din l-azzjoni tmur ben oltre talba ghar-ripresa pussess minhabba xi ksur tal-obbligazzjonijiet tal-inkwilin, jew tal-kondizzjonijiet tal-kirja. Fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni, din il-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni biex tafferma l-kompetenza taghha billi l-kompetenza biex tiddetermina l-effikacja ta' sentenza moghtija mill-Qrati kostituzzjonjali ta' Malta tispetta lil din il-Qorti u mhux lill-Bord li Jirregola l-Kera li ghandu, kif fuq spjegat, kompetenza specjali u ristretta. Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda."

L-Appell

5. Il-konvenuti jibbazaw l-appell taghhom ipprezentat fit-12 ta' Gunju 2015 fuq l-aggravju illi ma hemmx dubju illi l-konvenuti kienu originarjament qed jokkupaw il-fond b'titolu ta' enfitewsi temporanju u sussegwentement b'titolu ta' kera b'applikazzjoni tal-artikolu 12(2) tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu ghadu validu u qatt ma gie revokat mill-Parlament.

6. Jghidu li skont l-Artikolu 1525(1), huwa l-Bord li Jirregola l-Kera li ghandu l-kompetenza esklussiva fi kwistjonijiet konnessi ma' kuntratti ta' kiri ta' fond urban u ta' dar ghall-abitazzjoni u fond kummercjali. Jghidu wkoll li ebda Qorti qatt itterminat il-kirja in kwistjoni f'xi kawza bejn il-partijiet, u l-kawza kostituzzjonali saret kontra l-Avukat Generali. Jghidu li l-kaz odjern ma huwiex wiehed li jinsorgi wara tmiem il-kirja, izda hija

kwistjoni dwar it-titolu tal-intimat. Ghalhekk ma tista qatt issir talba ghall-izgumbrament taghhom mill-fond de quo, qabel ma jkun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja tal-Bord li Jirregola l-Kera illi t-titolu ta' kera illi kellhom issa spicca.

7. Jitolbu ghalhekk lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u tilqa' l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza issollevata minnhom, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

8. Da parti taghhom, l-atturi jwiegbu permezz ta' risposta pprezentata fil-15 ta' Lulju 2015, li permezz taghha jissottomettu qabel xejn illi l-appell huwa *fuori termine*. Jghidu illi l-konvenuti talbu l-permess tal-Qorti skont l-Artikolu 231(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili biex ikunu jistghu jappellaw, izda abbazi tal-Artikolu 234 tal-Kap. 12 huma setghu jappellaw minghajr tali permess, in kwantu s-sentenza preliminari titratta l-kompetenza tal-Qorti. Il-kawza giet deciza fil-21 ta' April 2015, filwaqt li l-appell gie intavolat fit-12 ta' Gunju 2015, u ghalhekk l-appell odjern ghandu jigi dikjarat *fuori termine*.

9. Dwar il-meritu tal-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti, jissottomettu, fost affarijiet ohra, illi l-konvenuti qatt ma appellaw mid-decizjoni tal-Prim'Awla Sede Kostituzzjonali illi iddecidiet li huma ma setghux jibqghu jinvokaw l-Artikolu 12(2) tal-Kap 158 sabiex jibqghu

jabitaw fil-fond in kwistjoni. Ghalhekk din il-ligi ghalihom ma tezistiex u konsegwentement ma ghandhomx titolu validu sabiex jibqghu jghixu fil-fond. Jghidu wkoll illi l-konvenuti qeghdin jippruvaw jergghu jifthu l-kawza kostituzzjonali billi jghidu li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ma setghetx tiddeciedi kontrihom. Jghidu li l-ewwel Qorti kienet korretta meta sostniet illi harsa lejn l-azzjoni kif impostata ghandha bilfors twassal ghall-konkluzjoni li din l-azzjoni tmur ben oltre talba ghar-ripresa tal-pussess minhabba ksur ta' obbligazzjonijiet tal-inkwilin jew tal-kundizzjonijiet tal-kirja. Jikkwotaw ukoll is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili **Antonia Frendo et v. Christopher Agius et** deciza fl-10 ta' Lulju 2014, fejn inghad li l-gurisdizzjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera ghandha tigi interpretata b'mod restrittiv u ghandha tipprevali l-gurisdizzjoni tal-Qorti Civili fejn ma jirrizultax car li l-Bord ghandu gurisdizzjoni.

10. Jghidu ghalhekk li din il-Qorti ghandha tiddikjara l-appell tal-konvenuti *fuori termine* u tibghat l-atti tal-kawza lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni, jew fin-nuqqas, tikkonferma s-sentenza appellata ghaliex kienet gusta u timmerita konferma, u tibghat l-atti tal-kawza lill-Ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tal-kaz, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

11. Illi qabel ma jigi trattat il-meritu tal-appell, din il-Qorti trid, fl-ewwel lok, tiddetermina l-ilment tal-atturi appellati dwar in-nullita` tal-appell, peress illi, skont huma, gie ipprezentat *fuori termine*. Dan qed jigi sottomess peress illi l-appell gie ipprezentat wara li skadew ghoxrin jum mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

12. Il-konvenuti appellanti, wara li nghatat is-sentenza preliminari, talbu permess specjali sabiex ikunu jistghu jressqu l-appell minn tali sentenza, u dan ai termini tal-Artikolu 231(1) fuq citat. L-atturi wiegbu ghal tali rikors b'risposta datata 22 ta' Mejju 2015 u l-ewwel Qorti, permezz ta' digriet tas-26 ta' Mejju 2015, awtorizzat lill-istess konvenuti sabiex jipprezentaw appell mis-sentenza in parte taghha tal-21 ta' April 2015.

13. Issa huwa minnu illi l-konvenuti kienu talbu u ottjenew l-awtorizzazzjoni mill-ewwel Qorti sabiex jipprezentaw appell mis-sentenza preliminari moghtija minnha, kif huwa minnu wkoll illi l-atturi ma ssollevawx din il-pregudizzjali fir-risposta taghhom ghar-rikors tal-konvenuti quddiem dik il-Qorti, izda illum huwa assodat fil-gurisprudenza patria illi t-termini tal-appell huma materja ta' ordni pubbliku u ma jistghu b'ebda mod jigu derogati jew mibdula, lanqas bi

qbil bejn il-partijiet. Ghaldaqstant, fil-kaz odjern, il-permess moghti mill-ewwel Qorti ma jistax jidderoga minn dak statutorjament impost mill-ligi procedurali fir-rigward.

14. Il-posizzjoni dwar it-termini stipulati fid-dritt procedurali giet spjegata bil-mod segwenti minn din il-Qorti fil-kompetenza inferjuri taghha fil-kaz **Kenneth Abela v. Aplan Limited** moghtija fis-6 ta' April 2008, fejn gie osservat li:

> "Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares *ad unguem*, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" ("Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997);
>
> "Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu procedurali la jista' jigi sanat b' xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentement hafna osservat, "in-natura inderogabbli tattermini processwali ggib b' konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik limprorogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita". ("Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007);[2]"

15. Issir referenza ghas-sentenza iktar recenti moghtija minn din il-Qorti deciza fil-15 ta' Dicembru 2015 fl-ismijiet **Dr John Vassallo v. L-**

[2] Ara ukoll App. **S. JF Security & Consultancy Services Limited et v. Fondazzjoni ghas-Servizzi Medici et** deciza 6 ta' Mejju 2011.

**Awtorita` tat-Trasport f'Malta noe** fejn, f'kaz analogu ghal dan, din il-Qorti spjegat hekk il-pozizzjoni legali fir-rigward:

> "... f'kaz ta' decizjoni fuq il-kompetenza tal-Qorti, jekk parti thossha aggravata bid-decizjoni u tkun trid tappella, ghandha taghmel dan fi zmien 20 jum mis-sentenza minghajr ma toqghod titlob il-permess tal-Qorti li tat is-sentenza. Dan johrog car mill-Artikolu 234 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u mill-gurisprudenza ta' din il-Qorti. Fil-fatt, fil-kawzi Koca v. Micallef Stafrace et noe u Gaming VC Corporation Ltd v. Boss Media Malta Casino Ltd. it-tnejn decizi minn din il-Qorti fit-3 ta' Frar, 2012, intqal hekk fir-rigward:
> "Mill-artikoli fuq riportati, li ghandu jinghad, gew emendati di recente minhabba ezigenzi ta' natura prattika billi hafna appelli minn sentenzi parzjali kienu qed johonqu l-process gudizzjarju, jidher li filwaqt li l-legislatur ried li, bhala regola generali, appelli minn sentenzi parzjali ma jsirux, hlief flimkien mas-sentenza finali, eccetto meta dan id-dritt jinghata lill-parti interessata fuq talba ghal dan il-ghan, l-istess legislatur zamm apparti dawk l-appelli li jikkoncernaw sentenzi preliminari dwar il-kompetenza tal-istess Qorti. Infatti fl-Artikolu 234 jinghad li f'dawn il-kazi "minn kull sentenza moghtija minn kull qorti fuq il-kompetenza taghha li tiehu konjizzjoni mill-kawza, jista' jsir appell;" u f'dan il-kaz il-legislatur ma hassx li kien hemm il-htiega, bhal ma jinghad fl-Artikolu 231 li, jintalab permess lill-Qorti biex jigi intavolat dan l-appell. Infatti dwar awtorizzazzjoni ma jinghad xejn.
>
> "Ghalhekk hawn insib distinzjoni netta bejn appelli minn sentenzi preliminari ta' kull generu li jehtiegu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex dak l-appell jigi ntavolat qabel is-sentenza finali, u dawk l-appelli minn sentenzi preliminari dwar il-kompetenza tal-Qorti li ma jehtiegux din l-awtorizzazzjoni. Naturalment sentenza dwar kompetenza fejn il-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni tal-kawza, qatt ma tista` tirrikjedi l-permess tal-Qorti li tkun ppronunzjata biex isir appell u dan billi tali sentenza, fiha nnifisha, ma tkunx wahda preliminari izda pjuttost finali billi b'dak il-pronunzjament il-gudizzju jigi terminat. F'dan il-kaz, il-legislatur ma kellux bzonn li jipprovdi billi jkunu japplikaw il-provvediment generali koncernanti appelli minn sentenzi finali. Biss fil-kaz ta' sentenza fejn il-Qorti tkun cahdet l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni taghha, u b'hekk iddikjarat ruhha kompetenti li tiehu konjizzjoni tal-kaz, bhal filkaz in ezami, dik is-sentenza tkun wahda preliminari billi l-process gudizzjarju jibqa' miexi. F'dan il-kaz, ghalhekk, il-legislatur, kieku ried, halla l-kwistjoni tal-appellabilita` minn dik is-sentenza qabel is-sentenza finali li tigi regolata bl-Artikolu 231 bhal kazijiet l-ohra. Izda jidher li dan ma kienx dak li ried il-legislatur billi mhux talli f'dawn il-kazi, kkonferixxa dritt ta' appell lill-parti interessata minghajr ir-

> rekwiziti msemmija fl-Artikolu 231, talli ddispona oltre meta kkonferixxa fuq il-Qorti ta' prim istanza d-diskrezzjoni tal-ghazla li "twaqqaf is-smigh tal-kawza sakemm jinqata dak il-punt fil-qorti fi grad ta' appell."
>
> "Dan l-istess principju gie accettat minn din il-Qorti f'sentenza ricenti moghtija fis-26 ta' Gunju, 2015, fil-kawza fl-ismijiet Vella v. Malta Industrial Parks Ltd.
>
> "L-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita` konvenuta kienet espressament tattakka il-kompetenza tal-qrati civili, u meta l-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni, tat sentenza fit-termini tal-Artikolu 234 tal-imsemmi Kap. 12. Minn tali sentenza "jista' jsir appell", ovvjament, fit-terminu li timponi l-ligi. It-talba li saret ghall-permess kienet inutili, u ma zzommx id-dekorriment tat-terminu ta' 20 jum impost bil-ligi."

16. Fil-kaz odjern, jirrizulta car illi, kif sottomess mill-atturi appellati, in kwantu s-sentenza appellata kienet giet moghtija fil-21 ta' April 2015, u l-appell odjern gie intavolat fit-12 ta' Gunju 2015, l-ghoxrin jum statutorji ghall-prezentata tal-appell kienu lahqu skadew. Dan ifisser li l-appell li ipproponew il-konvenuti ma sarx fit-terminu perentorju kontemplat mil-ligi u ghalhekk huwa irritu u null.

<u>Decide</u>

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tiddikjarah irritu u null, in kwantu *fuori termine*, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Tordna lir-Registratur sabiex jibghat l-atti lura quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex tissokta bis-smigh tal-kaz.

L-ispejjez relatati ma' dan l-appell jithallsu mill-konvenuti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb